**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**10 ta' Jannar, 2021**

# KTIEB TAJJEB



F'dan iż-żmien tal-pandemija kien hemm ħafna nies li xtraw apparat ġdid biex jikkomunikaw. Fil-fatt il-bejgħ ta' gadgets teknoloġiċi żdied sewwa. Bosta oħrajn għażlu li jsibu xi ktieb tajjeb biex jaqrawh. Don Bosco darba kiteb li "ktieb tajjeb jidħol f'postijiet fejn is-saċerdot ma jidħolx. Forsi jibqa' fuq skrivanija għal xi żmien jew fuq xkaffa tal-librerija u jimtela bl-għabra. Imma tiġi s-siegħa tas-solitudni, tan-niket, tal-ħtieġa ta' żvog, tal-biża' mill-ġejjieni u l-ktieb jinfetaħ u jinqara". Dawn il-kelmiet Don Bosco kitibhom f'Lulju tal-1885.

Nistgħu nikkuntentaw ruħna bil-Facebook, Whatsapp, Instagram u l-blogg? Dawn kollha jistgħu jkunu tajbin u sewwa. Imma l-esperti jgħidulek li ħafna drabi jagħlfuna l-effimeru, dak li jgħaddi mil-lum għal għada għax dak li qrajt illum jaqla' dak li qrajt ilbieraħ. Ktieb tajjeb jgħinna nagħmlu mistoqsijiet iktar profondi, li naraw il-ġmiel li hemm fin-natura, li nkunu solidali u li nitgħallmu mill-ġrajjiet tal-istorja.

F'dan ix-xahar aħna niċċelebraw Jum il-Bibbja fl-24 ta' Jannar. Din kienet xi ħaġa li Papa Franġisku daħħalha fil-kalendarju tal-Knisja mis-sena li għaddiet. Il-Bibbja mhux biss hija ktieb tajjeb imma l-Ktieb li għandu jinqara minn kulħadd. Jekk taqraw silta mill-Bibbja ta' kuljum ikollkom garanzija li l-Mulej ikellimkom b'xi mod kif jaf Hu. Il-kelma t'Alla tqallbilna ħajjitna, dejjem għall-aħjar.

***L-Arċipriet***

**IL-KARITÀ:** nirringrazzjawkom tal-kwantità kbira ta' oġġetti li ħallejtu għall-karità din is-sena taħt is-siġra tal-Milied fil-knisja. Fr Mark Bonello ħa ħsieb iqassam kollox hawn Għawdex u ġewwa Malta. Nirringrazzjaw lill-Virtu Ferries tat-30 hamper li għaddewlna biex jitqassmu fost xi familji u lil individwi. Dawn qegħdin jitqassmu minn membri tal-Caritas tal-parroċċa. Sadanittant, navżawkom li fl-Uffiċċju Parrokkjali ftaħna reġistru u l-ferta li tingħata fil-quddies tal-funerali tmur għall-karità. Mill-aħħar 4 snin 'l hawn il-parroċċa qiegħda tħallas il-kera ta' familja fil-bżonn.

## AVVIŻI OĦRA:

**RITRATTI TAL-MEJTIN 2021:** fil-kappella Santa Tereża ta' Kalkutta li tinsab maġenb iċ-ċimiterju ta' Kenuna, twaħħlet board sabiex min irid li titwaħħal is-santa tal-mewt tal-għeżież tagħhom fuqha, ikun jista' jagħmel dan. Min irid li s-santa titwaħħal għandu jġibha fil-quddiesa tal-Ħadd tas-7.30am li tiġi ċċelebrata fl-istess kappella, jew jitfa' s-santa fil-kaxxa tal-ittri li hemm fil-faċċata tal-istess kappella.

**SERVIZZ TA' LIBRERIJA:** il-librerija pubblika tan-Nadur tkun miftuħa t-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa mis-2.30pm sal-4.30pm u s-Sibt mid-9.00 sa nofsinhar. Id-direzzjoni tal-librerija titlob lil dawk kollha li ilhom bil-kotba d-dar, sabiex jirritornawhom mill-iktar fis.

**KARTOLINI MILL-KOLLEZZJONI 'MILL-PATRIMONJU NADURI':** wieħed għadu jista' jakkwista l-ewwel kartolina mill-kollezzjoni. Din tista' tinkiseb għall-prezz ta' €2 mingħand Dun Reuben Micallef jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**KURUNI TAR-RUŻARJU:** għadna kif irċivejna kwantità ta' kuruni sbieħ u ta' kull għamla. Minn għandu bżonn jakkwista minnhom, ikellem lil Antonia fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**L-GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU TAN-NADUR:** ippubblikat ktejjeb bl-isem, *In-Nadur, Drawwiet, Arti u Kultura.* Il-ħsieb hu li fi żmien il-Għid jiġi ppubblikat it-tieni numru f'din is-sensiela. Dawk interessati jakkwistaw kopja jistgħu javviċinaw lill-Għaqda jew lil Toni Sammut (mob: 99247041).

Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni għall-isbaħ presepju huwa Marco Azzopardi, u għall-isbaħ tieqa dekorata b'motiv reliġjuż hija Pietra Vella. Grazzi lill-Kunsill Lokali għall-għajnuna finanzjarja f'din l-attività.

**IL-ĠABRA GĦAD-DAR TAL-PROVIDENZA:** kienet ta' €2,252.71 mill-Parroċċa u nġabru wkoll €75 mill-kappella ta' Kenuna. Grazzi tal-offerti ġenerużi tagħkom.

**SENA ĊENTINARJA - 13:** Biex iħeġġeġ lill-membri għall-qdusija u għall-apostolat, il-Leġjun ta' Marija joffri eżempji ta' għadd kbir ta' qaddisin u ta' persuni oħra b'siltiet mill-kitbiet tagħhom imnebbħa mit-twemmin Nisrani.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**Is-Sibt filgħaxija:** 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am